

Brussell, 26 ta' Frar 2022
(OR. fr)

6640/22

ENER 67

NOTA

| | |
|----------|---|
| minn: | Presidenza |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Is-sitwazzjoni tal-enerġija fl-Ewropa wara l-kriżi fl-Ukrajna - <i>Skambju ta' fehmiet</i> |

Bil-ħsieb tal-laqgħa straordinarja tal-Kunsill TTE "Enerġija" tat-28 ta' Frar 2022, id-delegazzjonijiet isibu mehmuża n-nota ta' spjegazzjoni mħejjija mill-Presidenza Franċiża.

Fl-24 ta' Frar 2022, il-Kunsill Ewropew appella biex titmexxa 'l quddiem il-ħidma fuq it-tnejn u l-istat ta' tħejja fil-livell kollha u stieden lill-Kummissjoni, b'mod partikolari, biex tressaq miżuri ta' emerġenza, inkluż fil-qasam tal-enerġija.

F'dan il-kuntest u fid-dawl tal-iżviluppi l-aktar reċenti, din il-laqgħa tal-Kunsill TTE (Enerġija) ser tindirizza l-punti li ġejjin:

1- Il-Kummissjoni ser tagħti informazzjoni dwar l-analiżi tagħha tas-sitwazzjoni attwali fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista taż-żejt u tal-gass, kif ukoll l-iżviluppi fil-prezzijiet tal-enerġija.

2- Il-Kummissjoni ser tippreżenta wkoll l-analizzijiet u s-simulazzjonijiet differenti tagħha tal-istat ta' tħejja ta' **diversi xenarji ipotetiċi** ta' tfixkil, il-miżuri addizzjonali possibbli (b'mod partikolari dwar il-ħżin) u t-tnejniet għax-xitwa li ġejja.

Fid-dawl ta' dan, il-ministri għall-enerġija ser jiġu mistiedna jippreżentaw l-analiżi tagħhom tas-sitwazzjoni ġenerali kif ukoll tas-sitwazzjoni speċifika tagħhom fir-rigward tal-provvista, l-istokkijiet u l-flussi attwali tal-enerġija.

Fir-rigward tat-tfixkil addizzjonali possibbli u tat-tnejniet għax-xhur li ġejjin, il-ministri ser jiġu mistiedna jiskambjaw il-fehmiet tagħhom dwar l-istat ta' tħejja u l-miżuri ta' emerġenza possibbli previsti.

Dan id-dibattitu ministerjali għandu l-għan li jevalwa l-azzjonijiet addizzjonali possibbli f'termini ta' salvagwardja tal-provvista, l-użu ta' ħażniet strateġiċi taż-żejt, il-ġestjoni tal-ħażniet tal-gass, b'mod partikolari fid-dawl tal-ġimgħat u tax-xhur li ġejjin, u t-tisħiħ tal-koordinazzjoni bejn l-Unjoni u l-Istati Membri u t-tixrid ta' messaġġi komuni.

Id-dibattitu ministerjali għandu l-għan ukoll li jevalwa r-reazzjonijiet possibbli fil-livell tal-Unjoni u l-għażliet għall-Istati Membri fir-rigward tal-impatt tal-prezzijiet fuq l-unitajiet domestiċi, l-industriji u l-ekonomija, fis-sitwazzjoni attwali u f'diversi xenarji ipotetiċi.

3- Fl-aħħar nett, is-sitwazzjoni attwali wasslet ukoll għal sejħiet għall-**assistenza lill-Ukrajna** fis-settur tal-enerġija. Il-ministri ser jiġu mistiedna jaqsmu l-fehmiet tagħhom dwar il-modalitajiet ta' tali assistenza.